MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 534/1996/1

**L-Avukat Dottor Anthony J Vella mandatarju specjali tal-assenti Eric Walter Evans**
**Vs**
**L-Avukat Louis R Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala agent u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident, Fire & Life Assurance Corporation plc, bhala assikuraturi ta' Stephen u Jeannette konjugi Theuma, u l-istess Stephen u Jeannette konjugi Theuma ghal kull interess illi jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi fis-6 ta' Marzu 1992 il-mandatarju tal-attur nomine Eric Walter Evans waqt li kin miexi flimkien ma'

martu fi Triq Buqana, limiti tar-Rabat, safa milqut minn vettura bir-registrazzjoni numru H-4120 misjuqa mill-konvenuta Jeanette mart Stephen Theuma u rregistrata fuq isem Stephen Theuma liema vettura hija assikurata mas-socjeta' konvenuta Gasan Insurance Limited;

Peress illi minhabba dan l-incident Eric Walter Evans sofra griehi ta' natura gravi li wasslu ghal dizabilita parzjali u permanenti, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi ghal tali incident tahti unikament il-konvenuta Jeanette Theuma billi minhabba sewqan traskurat, imprudenti u b'nuqqas ta' hila u ta' harsien tar-Regolamenti tas-Sewqan ikkagunatlu l-imsemmija griehi bil-konsegwenzjali danni;

Peress illi l-istess mandatarju tal-attur nomine ghadu jsofri minn dan l-incident serju, u qed jinkorri danni konsiderevoli minhabba fid-dizabilita' illi huwa sofra kawza tal-istess incident, inkluz telf tal-impjieg, kif ser jirrizulta mis-smiegh tal-provi;

Peress illi l-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine u jhallsu id-danni hekk likwidati, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Frar, 1994, izda huma baqghu inadempjenti.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghall-incident u d-danni naxxenti mill-istess incident sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-istess mandatarju tal-attur nomine, prevja okkorrendo tal-hatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata favur l-attur nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar, 1994, u tal-imghax mid-data tal-incident sal-hlas effettif kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Gasan Insurance Agency Limited li biha eccepiet:

1. Illi huwa mhuiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandhu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u dana billi fl-ewwel lok huwa ma kien involut f’ebda incident stradali ma’ Eric Walter Evans, kif ukoll lanqas ma irrilaxxa xi Polza ta’ Assikurazzjoni fuq il-vettura numru H-4120 misjuqa minn Jeanette Theuma meta sehh l-incident.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispenti fil-konfront tieghu bl-ispejjes.

3. Salve Eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jeannette Theuma li biha eccepiet:

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fis 6 ta’ Marzu 1992 fil-limiti tar-Rabat, f’liema incident korra Eric Walter Evans ma garax tort u htija taghha u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort taghha m’hemmx danni x’jigu likwidati favur l-imsemmi Eric Walter Evans.

3. Salve Eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Louis Bianchi nomine li biha eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fis 6 ta’ Marzu 1992 fil-limiti tar-Rabat, f’liema incident korra Eric Walter Evans ma garax tort u htija tal-assikurat tieghu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-assikurat tieghu m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-imsemmi Eric Walter Evans.

3. Salve Eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni[1] tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg minnu mahlufa fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2002; kif ukoll ir-relazzjoni[2] tal-Perit Mediku il-Konsulent Mr.Fredercik Zammit Maempel minnu konfermata fis-6 ta' Gunju 2000;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi din il-kawza tirrigwarda incident stradali li sehh fis-6 ta' Marzu 1992 go Triq il-Buqana limiti tar-Rabat, li fih Eric Walter Evans ntlaqat mill-vettura numru H-4120 misjuqa mill-konvenuta Jeannette Theuma. Mill-provi jirrizulta li meta l-konvenuta Theuma kienet qeda issuq din il-vettura, niezla mir-Rabat fid-direzzjoni tal-Mosta, hija tilfet il-kontroll tal-karrozza bir-rizultat li din spiccat wicca l' fuq go ghalqa fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata u b' hekk tajret lill-imsemmi Eric Walter Evans li f' dak il-hin inserta kien ghaddej flimkien ma' martu fuq il-bankina [path] man naha tat-triq fejn spiccat il-vettura. Rizultat ta' dan l-incident Eric Evans sofra griehi li ghal perijodu ta' circa sitt xhur impedih milli jaghmel xoghol ta' natura manwali, kif ukoll jidher li kellu bzonn kura u assistenza personali.

*Responsabbilita'*
Illi dwar id-dinamika tal-incident, il-Qorti tosserva li mix-xhieda ma rrizultax x' kienet il-kawza li gieghelet lill-konvenuta titlef il-kontroll tal-vettura taghha. Mill-iskizz

[1] Fol.265 *et seq.*
[2] Fol.192 *et seq.*

tal-pulizija jidher car li qabel dina ma spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq il-konvenuta applikat il-brakes, u mix-xhieda ta' Anne Evans jirrizulta li l-vettura daret ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq, u spiccat wicca l-fuq go ghalqa kif fuq indikat.

Jigi osservat wkoll li, ghalkemm mill-okkorrenza tal-pulizija jirrizulta li l-konvenuta Theuma a tempo vergine qalet lill-pulizija li marru fuq il-post, li hi rriskontrat difett fl-isteering wheel, hija ma gabet ebda prova ohra in sostenn ta' dan l-fatt minnha allegat. La fid-dikjarazzjoni annessa mal-att tac-citazzjoni u lanqas fid-deposizzjoni taghha, ma regghet semmiet dan il-fatt. Fil-fatt, filwaqt li fid-dikjarazzjoni guramentata taghha hija ma tat ebda dettal dwar kif sehh l-incident, fix-xhieda taghha hija ddeskriviet l-incident hekk: "All of a sudden, I felt the car pull towards my left and I think I hit the barrier ….. after that I have no idea what happened …. I cannot give any explanation why the car pulled to my left and suddenly turned over."[3]

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha din il-konvenuta ssollevat id-difiza tal-kaz fortuwitu, bazata fuq il-kuncett ta' emergenza subitanea kawzat minn difett mekkaniku fl-isteering wheel tal-vettura li kienet qeda issuq. Hija spjegat li l-incident jikkwalifika bhala wiehed inevitabbli rizultat ta' cirkostanzi li hija ma kellhiex kontroll fuqhom, u li ghalhekk ma setghatx tinzamm responsabbli ghall-akkadut.

In ppropositu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici. L-oneru tal-prova ta' inevitable accident u tal-casus jirrisjedi fuq min jallega, f' dan il-kaz, il-konvenuta. Where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff insists on the defendant's liability, then the burden of proof lies on the defendant not on the plaintiff [Philips – Treatise on the Law of Evidence][Giuseppa Fenech vs Geraldu Cassar [1986] Vol.LXX.II.562].

[3] Fol.150 - 151

Inoltre, In some cases arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of defendant's vehicle has also been negligent [Terrell – Law of Running Down Cases][App.Alfred Shead vs Anthony Degiorgio – 15.11.1984]

Dawn il-principji gew enunzjati fil-kawzi App. Paul Vassallo vs Carmelo Pace [1986] Vol.LXX.II.143; u App. Annunziata Caruana vs Odette Camilleri [27.02.2004]. Inoltre, huwa principju assodat fil-gurisprudenza li s-sewqan diligenti jirrikjedi li s-sewwieq ikollu l-kontroll shih tal-vettura tieghu f'kull waqt tas-sewqan. "Il-kontroll shih tal-vettura jfisser li tista' tagixxi tempestivament biex tevita dannu."

Fil-meritu l-Qorti tosserva li, nonostante l-linja difensjonali tal-konvenuta bazata fuq l-kaz fortuwitu u l-inevitabilita' tal-incident kawzat minn emergenza subitanew dovuta ghall-zvilupp ta' difett fl-isteering wheel, u nonostante li dan il-fatt allegat minnha kellu importanza determinanti ghall vertenza dwar ir-responsabbilita' ghall-incident, il-konvenuta naqset li tressq provi f' dan ir-rigward – <u>prova li kienet disponibbli ghaliha b' ezami tal-vettura minn esperti mekkanici</u>. Il-Qorti tosserva li f'dan ir-rigward mhux talli n-naha konvenuta ma talbitx in-nomina ta' espert gudizzjarju sabiex jezamina l-vettura u jivverfika l-allegat difett fl-isteering wheel, izda lanqas ma pprezentat xhieda ex parte li setghu jaghtu grad ta' konfort ghat-tesi taghha. Barra minnhekk la fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, u lanqas fid-deposizzjonit taghha, ma semmiet li rriskontrat difett fl-isteering wheel. Fix-xhieda taghha kull ma qalet kien li "all of a sudden I felt the car pull towards my left".

Huwa manifest li l-Qorti ma tistax f' dawn ic-cirkostanzi tistrih fuq il-presunzjoni ta' fatt bhala prova, meta dan il-fatt setgha jigi facilment verifikat b' ezami tal-vettura. Din il-prova ma saritx, u in mankanza ta' tali prova, it-tesi tal-konvenuta li rriskontrat difett fil-vettura waqt is-sewqan hija insostenibbli.

Illi in mankanza ta' provi ohra f' dan ir-rigward, il-konkluzjoni necessarja hi li l-konvenuta kienet qeda ssuq ghan-nizla bi speed li ma ppremettilhiex li jkollha l-kontroll shih tal-vettura, bir-rizultat li ghal xi raguni hija tilfet il-kontroll tal-vettura, u wara li applikat il-brakes, habtet mal-crash barrier, rromblat ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq u spiccat go ghalqa wicca l-fuq, kif jidher mill-iskizz[4] tal-pulizija. Dan l-iter tal-vettura huwa indikattiv ta' speed inkonsult li fil-fehma tal-Qorti kien il-kawza prossima u immedjata tal-incident.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-incident in disamina sehh unikament tort tal-konvenuta Jeannette Theuma; u ma tirriskontra ebda nuqqas jew negligenza da parti tal-attur.

*Likwidazzjoni tad-Danni*

Illi mir-rapport tal-Espert Mediku l-Konsulent Fredercik Zammit Maempel, jirrizulta li Eric Walter Evans "suffered no permanent disability as a result of the accident in question"[5]. Fix-xhieda tieghu dan l-espert jghid li "Meta ezaminajt lill-attur, sibt li kien fieq kompletament u ma kellu ebda dizabilita' permanenti attribwibbli ghall-incident meritu tal-kawza."[6]

Ghalhekk id-danni reklamabbli f' dan il-kaz huma biss dawk emergenti mill-incident, konsistenti f' telf ta' qligh attwali matul il-perijodu li fih l-attur ma setghax jahdem, liema perijodu gie stabbilit mill-Perit Legali li ghandu jestendi biss ghal sitt xhur wara l-incident. Din il-Qorti, wara ezami tad-dokumenti esebiti, tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali li "sa sitt xhur wara l-incident l-attur kien f' posizzjoni li jirriprendi xoghol b' mod normali".[7]

Illi l-istess Perit Legali llikwda d-damnus emergens dovuti lill-attur ghal perijodu ta' sitt xhur, fl-ammont ta' Lm4,401.68 skond prospett[8] dettaljat kontenut fil-

[4] Dok.PB2 – Fol.89
[5] Fol.196
[6] Fol.175
[7] Fol.279
[8] Fol.279

relazzjoni tieghu, bazat fuq il-kontenut ta' rapport prezentat mill-attur.[9]
In propositu huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi l-partita that l-ittra [i] tirrapprezenta Telf ta' xoghol ghal perijodu ta' sitt xhur, li l-Perit ikkwantifika fl-ammont komplessiv ta' GBP 5,195.62 bazat fuq il-pretensjoni attrici li f' dawn il-perijodu l-konjugi Evans setghu krew flat taghhom versu l-kera mensili ta' mhux anqas minn £500, u t-twaqqif ta' modest business bi qligh prospettat ta' circa £500 fix-xahar.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li mix-xhieda tal-attur jirrizulta li qabel ma gie Malta huwa kien gie informat mill-kumpanija fejn kien jahdem, British Telecom, li din accettat ir-rikjesta tieghu ghal early retirement, u fi kliemu "I had two week's leave with pay and so decided to come to Malta on a short visit prior to my starting my retirement days."[10] Ghalhekk meta sehh l-incident l-attur kien diga rtira mill-impieg regolari tieghu.

Fit-tieni lok, jigi osservat li l-attur ikkonferma li "For the first six months after the accident I received sickness benefit, and then I stared receiving an invalidity benefit – both from D.S.S"[11] Dan ifisser li matul il-perijodu ta' sitt xhur huwa kien irceva forma ta' beneficju.

L-attur spjega li huma kellhom l-intenzjoni li jaghmlu xoghol huma fil-cottages li kellhom f' Wales biex ikunu jistghu jikru l-maisonette taghhom f' Slough. Minhabba l-griehi li garrab rizultat ta' l-incident in disamina, l-atturi ma setghux jibdew ix-xoghol fuq il-cottage u ghalhekk kellhom jibqghu joqghodu fid-dar taghhom f' Slough bir-rizultat li ma setghux jikru din id-dar, u b' hekk tilfu circa £500 kera kull xahar. Izda qal li ghalkemm "Once I had retired, I had the necessary time to work on the property. It would have

[9] Dok.AV5 – Fol.117 *et seq.*
[10] Fol.161
[11] Fol.167

taken us a long time to complete because may wife did not retire before 1996/1997”[12].

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li m’ ghandux jigi kkalkolat introitu ta’ £500 fix-xahar ghas-sitt xhur shah li matulhom l-attur ma setghax jaghmel xoghol manwali, imma ghandu jinghata kont tal-fattur ta’ zmien necessarju sabiex isiru x-xogholijiet, kif ukoll ghall fatt li ma ngabet edba prova konkreta li malli jlestu x-xogholijiet fil-cottages u jirrenduhom abitabbli, il-maisonette taghhom f’ Londra kien ser jinkera mal-ewwel. Anke f’ dan ir-rigward, gjaladarba qed jigi trattat dak li setgha kien, u cioe’ prospettiva ta’ qligh, ghandu jigi kkunsidrat il-fattur tac-chances of life, li jeskludi l-element tac-certezza u li jpoggi s-sitwazzjoni fuq il-livell ta’ prospettiva.

Din il-konsiderazzjoni tapplika ukoll, u b’ izjed forza, ghall-introitu mensili ta’ £500 propsettat mit-twaqqif minn naha tal-attur ta’ negozju ta’ bejgh u riparazzjoni ta’ karrozzi. Il-fattur tar-riskju f’ dan ir-rigward jispikka izjed, u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-introitu prospettat f’ dan ir-rigward.

Illi inoltre, l-attur jghid “I never made any enquires regarding possible jobs that I could take after the accident, because I knew that I could not work in the motor trade with the disabilities I had. But I made a few enquires <u>vaguely</u> [sic] with the intention of establishing whether I could possibly encounter a job offer which would suit me, but to no avail.”[13] In propositu l-Qorti tirrileva li mill-provi ma jidhirx li sar xi sforz serju minn naha tal-attur sabiex jsib xoghol fil-frattemp bil-ghan li jimminimizza d-danni skond l-oneru tieghu bhala danneggjat. Din il-konsiderazzjoni ghandha rilevanza fil-komputazzjoni tad-danni.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni peritali li l-likwidazzjoni ta’ danni that din il-partita ghandhom jigu kalkolati in bazi ta’ £1,000 fix-xahar nieqes it-taxxa

[12] Fol.166
[13] Fol.166

dovuta;  u, f' dan ir-rigward, qed tuza l-arbitru prudenzjali taghha, u tillikwida din il-partita fl-ammont ta' GBP 3,473.

Illi rigward il-partiti [ii][iii][iv][v] jidher li dawn huma ragjonevoli u mhumiex qed jigu kontestati mill-konvenuti,[14] u fuq bazi ta' verosimiljanza u probabbilita,' din il-Qorti qed taccettahom bhala parti mid-danni risarcibbli.

Illi rigward l-ammont ta' GBP 863.96 rapprezentanti spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni sabiex il-konjugi Evans setghu jigu Malta biex jiddeponu, il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li dawn setghu jaghtu x-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u ghalkemm il-kontro ezami taghhom seta' sar b' ittri rogatorji fit-termini tal-Artikolu 622A,  dan kien igib mieghu dewmien fil-proceduri u anke zieda fl-ispejjez.  Inoltre, u b' aktar emfasi, jinghad li l-prezenza tal-attur f' dawn il-Gzejjer kienet necessarja sabiex jkun jista' jsirlu l-ezami mediku minn naha tal-Espert Mediku nominat mill-Qorti;  liema ezami fil-fatt sar, b' ezitu favorevoli ghal-konvenuti. Ghalhekk f' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li dawn l-ispejjez kienu necessarji u huma risarcibbli.

Ghaldaqstant l-ammont tad-danni risarcibbli indikat mill-Perit Legali fis-somma ta' GBP 6,788.08 ghandu jigi ridott ghal GBP 4,192.46 li konvertiti f' Liri Maltin bir-ratat a' 1.5563 tjammontaw ghal Lm2,693.8, li maghdud maghha s-somma ta' Lm40, spejjez ohra[15], jwassal ghas-somma globali ta' Lm2,734

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut nomine, filwaqt li jammetti li Jeannette Theuma hija assikurata mas-socjeta' General Accident Fire & Life Assurance Coporation plc, kif rapprezentata minn Gasan Insurance Agency Limited, jichad li l-incident gara bi htija tal-assikurata.  Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, huwa ssolleva li m' ghandux ibati spejjez u drittijiet tal-kawza, peress li tenut kont ta' dak li hemm kontemplat fl-Art.10 tal-Kap.104 l-attur, biex jassikura l-interessi tieghu kontra

[14] Fol.261
[15] *Sundry Expenses in Malta* – Dok.AV5 [4] Fol.120

s-socjeta’ assikuratrici, setgha usufruwixxa minn dak li hemm kontemplat fis-sub inciz 2 tal-artikolu precitat billi jipprezenta ittra ufficjali.

Il-Qorti tikkonsidera dan l-ilment gustifikat, u ma tirrizultax raguni valida li kienet tiggustifika li l-attur jawmenta l-ispejjez billi jharrek lis-socjeta’ assikuratrici wkoll, meta dawn setghu jigu facilment evitati fit-termini tal-Artikolu precitat. Ghalhekk l-ispejjez relattivi ghal din il-konvenuta ghandhom jibqghu a kariku tal-attur.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa l-adozzjoni tar-rapport peritali kif fuq modifikat, ssib lil konvenuta Jeannette Theuma assikurata mas-socjetajiet tal-konvenuti, unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ elfejn, seba mija erba u tletin lira maltin [Lm2,734]; tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom jhallsu din is-somma lill-attur, bl-imghax legali mid-data ta’ dan il-gudizzju sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenuti, hlief dawk relattivi ghal-konvenut Dottor Louis Bianchi nomine li ghandhom jibqghu a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------